MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. NADIA H. VELLA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 542/2012

Mobisle **Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Elstob Carol Anne K.I. 47063 (A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' ħames mija u sebgħa u tmenin Ewro u ċenteżmu (€587.01) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni, kont bin-numru *A/C 51092454*, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta’ ħames mija u sebgħa u tmenin Ewro u ċenteżmu (€587.01), bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 ta’ Frar 2012, li hija d-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u numerata 379/12, huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------